MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta ta' 15 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 353/2002/1

**Maria Dolores Gemma *sive* Doris Casha**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-att tat-twelid taghha, liema att tat-twelid kien registrat fir-Registru Pubbliku tal-Belt Valletta bin-numru 8434 tas-sena elf disa' mija erbgha u tletin (1934) hawn anness dok "A" huwa zbaljat taht il-hames u s-sitt kolonna u dana peress illi l-ewwel isem tar-rikorrenti huwa Maria Dolores u mhux Gemma, kif jirrizulta wkoll mic-certifikat tal-maghmudija dok "B" u r-rikorrenta hija maghrufa bl-isem Doris u mhux Gemma.

Illi r-rikorrenti trid tipprocedi sabiex tikkoregi dan l-att ta' twelid hawn fuq imsemmi u dana bil-mod kif hawn fuq spjegat.

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

Tordna l-korrezzjoni tal-att ta' twelid taghha hawn fuq imsemmi bin-numru 8434 tas-sena elf disa' mija hamsa u tletin (*corregge …. erbgha u tletin)* fis-sens illi l-hames kolonna taht l-*intestatura "ismijiet moghtijin"* jidhol l-ewwel isem Maria Dolores qabel l-isem Gemma sabiex l-ismijiet tar-rikorrenti jkunu Maria Dolores, Gemma, Rita, Rosina u fis-sitt kolonna taht intestatura *"isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha"* jigi kkancellat l-isem Gemma u minflok jidhol l-isem Doris.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-istess konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 6 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku tad-9 ta' Awissu 2002 a fol. 14 fejn gie eccepit:

1. Illi dwar il-mertu tal-azzjoni f'dan l-istadju huwa mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi u ghall-gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, ghandu jsir id-debitu avviz fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16;

3. Illi in vista tal-fatt li c-cirkostanzi li taw lok ghal talba ghal korrezzjoni fl-att tat-twelid huma ghal kollox estranei ghall-esponent huwa m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tad-Direttur Registru Pubbliku a fol. 15 tal-process.

Rat il-verbal tal-lum il-15 ta' Ottubru 2002 fejn il-kawza giet posposta ghas-sentenza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza dwar talba ghall-korrezzjoni fic-Certifikat tat-Twelid ta' l-attrici, numru 8434/1934 *stante* li l-istess attrici qed issostni li isimha proprju huwa "Maria Dolores" u fil-qasir dejjem kienet maghrufa bl-isem ta' "Doris" u mhux "Gemma" kif jinsab indikat fl-istess Certifikat tat-Twelid.

Illi dan jinsab ikkonfermat mic-Certifikat tal-Maghmudija ta' l-istess attrici esebit bhala Dok 'B' mahrug mill-Kappillan ta' San Giljan li jindika li l-isem korrett ta' l-attrici huwa "Maria Dolores".

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici lkoll gew ippruvati, u fil-fatt lanqas biss huma kontestati, u jidher palezament li sar zball fic-Certifikat tat-Twelid ta' l-istess attrici, fis-sens illi gie ndikat erronjament l-isem "Gemma" meta fil-fatt l-isem korrett huwa "Maria Dolores sive Doris".

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:

1. Tordna l-korrezzjoni tal-att ta' twelid tal-attrici hawn fuq imsemmi bin-numru 8434 tas-sena elf disa' mija erbgha u tletin fis-sens illi l-hames kolonna taht l-*intestatura "ismijiet moghtijin"* jidhol l-ewwel isem "Maria Dolores" qabel l-isem

“Gemma” sabiex l-ismijiet tar-rikorrenti jkunu Maria Dolores, Gemma, Rita, Rosina u fis-sitt kolonna taht intestatura *“isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija ghandha tigi msejha”* jigi kkancellat l-isem “Gemma” u minflok jidhol l-isem “Maria Dolores sive Doris”.

Illi l-Qorti tordna ukoll li *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dak in-nhar li s-sentenza tghaddi f’gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta’ kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess disposizzjonijiet tal-**Kap 16.**

Illi dwar il-kap tal-ispejjez dawn ghandhom jigu ssopportati mill-istess attrici, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenut odjern.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**15 t’Ottubru 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**15 t’Ottubru 2002**